

MISSION FUND

# IL-MISSJUNARJU

*Rajna b'għajnejna stess u smajna l-ġmiel ta' mużika*

NEWSPAPER POST
Ħarġa Nru: 118
Marzu - Mejju 2017

# GĦAJNEJN IDEMMGĦU

Meta l-qalb hi mimlija, l-id qatt ma hi battala. Din hija l-esperjenza li għadhom kemm kellhom 18-il voluntier tal-Mission Fund wara l-ħidma missjunarja tagħhom ġewwa l-Asja, fil-Filippini. Eluf ta' gżejjer li jsaħħruk bil-ġmiel tan-natura, iżda fl-istess ħin ikiddek il-faqar moħbi li tant hu mifrux ma' kullimkien.

## STEDINA TA' FR JOE CREMONA MSSP

Il-Mission Fund laqa' l-istedina ta' Fr Joe Cremona MSSP, missjunarju ġewwa Bataan, xi sagħtejn 'il bogħod minn Manila. Parroċċa żgħira ta' aktar minn 12,000 persuna. Ħolma li huwa bdiha 11-il sena ilu. Illum barra l-knisja, Fr Joe bena ċentru Josè Depiro Formation Centre. Ċentru li jilqa' fih tfal u żgħażagħ fejn jirċievu formazzjoni umana u nisranija. Bena fost l-oħrajn sala kbira u miftuħa fejn it-tfal jitgħallmu l-mużika, drama u forom oħra ta' arti. F'dawn l-aħħar erba' snin waqqaf orkestra, li tħaddan aktar minn 80 mużiċista magħmula minn tfal bejn it-8 snin u 17-il sena. Rajna b'għajnejna stess u smajna l-ġmiel ta' mużika. Tifhem kemm il-mużika hija t-tbissima ta' Alla fuq din l-art! Tfal u żgħażagħ li ta' kuljum jitgħallmu l-mużika permezz ta' għalliema Maltin li jgħallmuhom




permezz tat-teknoloġija moderna bħal skype u li jagħtuhom lezzjonijiet kuljum. Fosthom Peter Paul Galea (tal-grupp Tribali). Fr Joe ġabar ħafna u ħafna tfal tat-triq u offrilhom viżjoni permezz tal-mużika għax kieku dawn faċilment jinqabdu fil-vizzju tad-droga li hija tant komuni f'dawk l-inħawi.

L-evanġelizzazjoni hija prijorità f'din il-parroċċa. Għandek ħafna gruppi tat-tfal, żgħażagħ, familji u għaqdiet oħra. F'dan il-perjodu ta' 30 ġurnata l-membri tal-Mission Fund kellhom opportunità li jkun preżenti għall-ewwel grupp ta' aktar minn 100 tifel u tifla li rċevew l-Ewwel Tqarbina fil-25 ta' Jannar 2017. Kif ukoll madwar 90 tifel u tifla li rċevew is-sagrament tal-Konfermazzjoni fis-7 ta' Frar 2017. Esperjenzi sbieħ u ta' ferħ li jfakkruna fi tfulitna.

MISSION FUND: 500, Eureka Court, Blokk A, Flat 6,
Triq il-Kbira, Mosta MST 1018
Ħinijiet tal-ftuħ: Tnejn sal-Ġimgħa 9.00 a.m. – 1.00 p.m. Tel: (+356) 21413664
(Servizz ta' Answering Machine 24 siegħa kuljum)
Website: www.missionfund.org.mt E-mail: missionfund@global.net.mt

Il-MISSION FUND hija reġistrata bħala organizzazzjoni filantropika skont l-Att tal-2007 dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji – Reg No: VO/0015

## MISSJUNARJI MALTIN

F'dawn il-ġimgħat, iltqajna ma' missjunarji oħra Maltin fosthom Fr Hector Attard MSSP, Fr Mark Demanuele MSSP, Fr Martin Galea MSSP, u żewġ żgħażagħ oħra Bro Giovann Tabone MSSP u Bro David Pace MSSP li jinsabu fil-mixja tal-ħajja reliġjuża lejn is-saċerdozju ministerjali.

Fil-Filippini hawn diversi sorijiet Maltin u Għawdxin. Fil-parroċċa ta' Fr Joe Cremona MSSP iddedikata lil Santa Katerina ta' Lixandra hawn ukoll il-komunità tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù, fosthom Sr Gemma Fenech u Sr Celina Cini li jmexxu, flimkien ma' sorijiet oħra barranin, skola ddedikata lil Madre Margherita de Brincat u li tilqa' fiha aktar minn 700 student. Opra meraviljuża!

Hawn ukoll is-Sorijiet Ulied il-Qalb ta' Ġesù (Ta' Nuzzo), li għandhom dar ta' formazzjoni ġdida mmexxija minn Sr Marianne Farrugia.
Dejjem laqgħuna b'tant imħabba u ferħ.

## FESTA TA' SAN PAWL

Fl-10 ta' Frar 2017 iċċelebrajna l-Magħmudija ta' Malta meta ltqajna mas-saċerdoti u s-sorijiet Maltin f'Manila. Festa tipika Maltija.

*Dejjem laqgħuna b'tant imħabba u ferħ.*







# PROĠETT 2017



Il-proġett ta' din is-sena kien wieħed ta' bini ta' klassijiet tas-snajja. Xi wħud wettqu xogħol ta' ħadid, żebgħa, ħjata u kull għamla ta' manutensjoni.

Esperjenża qawwija kienet iż-żjajjar lill-familji. Is-sabiħ mhux li titkellem fuq il-faqar, imma li titkellem mal-foqra. Il-foqra għandhom ħafna x'jgħallmuna. U kif! Tara b'għajnejk u tmiss b'idejk x'jiġfieri ma jkollok kważi xejn. U x-xejn jfisser xejn! Bir-raġun li l-foqra jifirħu ħafna ħafna b'dak li tagħtihom, anke jekk sempliċi ross, zokkor, bajd u xi ikel ieħor. Bir-raġun kollu jirringrazzjawk u b'għajnejhom idemmgħu jgħidulek minn qalbhom 'Thank you'.

Il-grupp tal-voluntiera wasal lura Malta fit-13 ta' Frar 2017.

*Fr Marcellino Micallef OFM*
*Direttur Spiritwali*

Nota: Aktar dettalji dwar din l-esperjenza tingħata fil-magazine fil-ħarġa ta' Mejju 2017.



# ATTIVITAJIET



## PIZZA NIGHT

**MENU**

Salad u Cold Cuts
Pizza
Diżerta
Ilma u tazza nbid
jew soft drink

Il-Ġimgħa 10 ta' Marzu
fil-Canifor Hotel, Qawra
Ħin: 7.30 pm

**Prezz: €15**

Għal booking ċemplu l-uffiċċju fuq: 21413664 jew lil Charles Decelis fuq: 21575351/ 99885078.
Trasport provdut għal min jeħtieġ għall-prezz ta €5.00



## BUFFET BREAKFAST

**Il-Ħamis 6 ta' April**

**9.15 am** **Quddiesa għar-ruħ il-benefatturi mejta tal-Mission Fund**
**10.30 am** **Buffet Breakfast**
**11.30 am** **Tombla**

**PREZZ: € 12**

## PELLIGRINAĠĠ GĦAL FATIMA:

11 – 18 ta' Lulju 2017
Fl-okkażjoni taċ-ċentinarju tad-dehriet tal-Madonna lit-tlett itfal.
Dettalji jingħataw aktar tard

**QUDDIES GĦALL-ERWIEĦ TAL-BENEFATTURI TAGĦNA**

Noffri quddies b'suffraġju għar-ruħ / għall-erwieħ ta':

______________________________________________

Qiegħed nibgħat donazzjoni ta' € __________ permezz ta' ċekk/money order pagabbli lill-MISSION FUND għall-bżonnijiet tal-missjunarji.

ISEM U KUNJOM: ______________________________________________

INDIRIZZ: ______________________________________________

______________________________________________

KODIĊI POSTALI: __________________ TEL/MOB: __________________

Isem, kunjom u l-indirizz tal-qarib lil min tixtieq tinforma: ____________________

______________________________________________

______________________________________________

Stampat: POLIDANO PRESS LTD | Tel: 2125 7018 | www.pplmalta.com